TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 406/11/GZ

**Rose Agius**

**vs**

**Purrfect Pet Shop**

Illum 24 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn u hames Ewro (€205), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal kelb li miet wara ftit ijiem li kien inxtara, inkluz ukoll il-prezz tal-veterinarju li nvista l-imsemmi kelb.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fis-27 ta' Gunju 2011 hija kienet xtrat kelb mis-socjeta' ntimata. Il-kelb kien jidher kwiet hafna. Dakinhar stess fil-hanut, il-kelb kien ghamel eskriment mahlul fil-kaxxa u x'hin ir-rikorrenti waslet id-dar il-kelb kien irremetta l-ikel li kien ta lir-rikorrenti l-propjetarju tal-hanut stess. Il-gurnata ta' wara, il-kelb iremetta kemm-il darba u l-eskriment tieghu baqa' mahlul. Ir-rikorrenti haditu ghand il-veterinarju li kien qed ipoggi ghand il-hanut minn fejn xtrat il-kelb, fejn l-imsemmi veterinarju kkonferma li l-kelb ma kellu xejn fatali u tah ikel specjali kif ukoll xi pinnoli li l-kelb kellu jinghata wahda minnhom kuljum.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Fid-29 ta' Gunju 2011 il-kelb ma kiel u xorob xejn gurnata shiha. Il-gurnata ta' wara kien jidher hazin hafna minn filghodu u ghalhekk ir-rikorrenti ddecidiet li filghaxija stess tiehdu ghand veterinarju differenti, pero' l-kelb ma wasalx s'ghand il-veterinarju ghaliex miet fil-karozza stess. Meta hija marret biex tavza lil tal-pet shop, huwa kien maghluq ghaliex dakinhar kien ghalaq iktar kmieni mis-soltu.

Fl-1 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti marret tkellem lil tal-pet shop fejn spjegatlu s-sitwazzjoni, pero' sid il-hanut irrifjuta li l-kelb seta' b'xi mod kellu xi haga meta nxtara u rrifjuta li jaghtiha l-flus lura. Il-gurnata ta' wara r-rikorrenti regghat kellmitu u huwa offra li jaghtiha kelb iehor.

Fl-4 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti marret il-hanut sabiex tigbor il-kelb li kien wieghedha tal-pet shop, izda meta wasslet, huwa qalilha li sid il-kelb kien hadu lura u ma kellux kelb iehor x'jaghtiha. Ghalhekk huwa ma kienx zamm kelmtu u reggha rrifjuta li jaghtiha l-flus lura.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata b'dan kollu, u ghalhekk qed titlob lura l-ammont li hallset meta xtrat il-kelb, flimkien ma' l-ispejjez tal-veterinarju.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tac-certifikat mahrug mill-veterinarju Dr Nikol Falzon datat l-4 ta' Lulju 2011, flimkien mar-ricetta ta' l-istess, liema dokument gie mmarkat bhala Dok.RA1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija stqarret li l-kelb ma kellu xejn hazin u li kieku kien marid, mieghu kienu jimirdu wkoll il-klieb li kienu mieghu fil-gagga. Is-socjeta' kompliet tistqar illi hija kienet offriet li taghti lir-rikorrenti kelb iehor b'nofs prezz izda hija ma kenitx accettat, ghaliex kull ma riedet kienet li tinghata lura l-flus.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**